TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 78/17/F

**Doris Aquilina**

**vs**

**General Gas Co. Ltd.**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija u għoxrin ewro (€720), rappreżentanti prezz ta' washing machine li wara ftit kellha l-ħsara u wkoll issaddet.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija kienet xtrat washing machine mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' seba' mija u għoxrin (€720), u wara ftit bdiet bil-problemi u wkoll wara xahrejn beda ħiereġ is-sadid.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejħa tliet darbiet, ma deħritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, qed jemmen il-verżjoni tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt ewro (€600), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**